**TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR - MALTA**

**GUDIKATUR**

**DR. GRAZIELLA BEZZINA L L. D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 3 ta' Lulju 2015.**

**Talba Numru: 408/2015 GB**

**GO plc – C22334**

**vs**

**Jonathan Scicluna**
**ID-246386M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta` attrici ddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn, erbgha u tmenin ewro, tmienja u sebghin centezmu (€284.78c) in konnessjoni ma' *television service agreement* datat 5 ta' Gunju 2010, *account number* 40150810.

Li interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentatat ta' din il-kawza.

Ra d-dokumenti li gew mehmuza ma' l-avviz tat-talba li gew immarkati minn Dok.'A1' sa Dok.'C'.

Ra 'lli l-konvenut debitament notifikat ma ressaqx risposta.

Sema' ix-xhieda tal-konvenut li ddikjara li l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici huwa fil-fatt dovut.

Ghaldaqstant, fil-waqt li t-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici jordna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' mitejn, erbgha u tmenin ewro, tmienja u sebghin centezmu (€284.78c) u dan bl-imghax kif mitluba. Dan l-ammont ghandu jigi mwettaq permezz ta' hlasijiet rateali ta' tletin ewro (€30) fix-xahar, u kemm-il dabra l-konvenut jonqos milli jwettaq dawn il-pagamenti puntwalment allura jitlef kwalunkwe beneficcju tat-terminu mghoti lilu u kwalunkwe bilanc li jkun ghadu dovut isir dovut fl-intier tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Avukat Graziella Bezzina LL.D.**
**Gudikatur**